

Brussell, 8 ta' Frar 2022
(OR. en)

6054/22
ADD 1

LIMITE

PUBLIC 7
INF 20

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - JANNAR 2022

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Jannar 2022.

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġiżlattivi, inkluż id-data tal-adozzjoni.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni.

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'JANNAR 2022

Proċedura bil-miktub konklużi fit-12 ta' Jannar 2022	CM 1145/22
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu għall-koordinazzjoni operazzjonali tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni (MOCADÉM) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/60 tat-12 ta' Jannar 2022 dwar il-Mekkaniżmu Operazzjonali ta' Koordinazzjoni għad-Dimensjoni Esterna tal-Migrazzjoni ĠU L 10, 17.1.2022, p. 79-81	5095/22
Dikjarazzjoni mill-Awstrija appoġġata mid-Danimarka	CM 5204/21
L-Awstrija tilqa' l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-koordinazzjoni operazzjonali tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni (MOCADÉM). Għall-Awstrija, huwa importanti ħafna wkoll li l-Istati Membri u l-esperti tagħhom (speċjalment l-esperti fil-qasam tal-migrazzjoni, bħall-kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-SCIFA) ser ikunu involuti formalment fil-mekkaniżmu.	
Proċedura bil-miktub konklużi fis-27 ta' Jannar 2022	CM 1431/1/22 REV1
Approvazzjoni tad-Dialogu Strateġiku UE-Kenja - Dikjarazzjoni Konġunta.	5310/22
Dikjarazzjoni interpretattiva tal-Polonja dwar il-ġeneru	
Jekk jogħġobkom kunu infurmati li f'każ li tinżamm referenza għal "ugwaljanza bejn il-ġeneri", il-Polonja tiddikjara li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minqax fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fuq livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, kull fejn il-"ġeneru" jirreferi għal ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Polonja ser tinterpretah bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, espressionijiet oħra li fihom it-terminu "ġeneru" ser jiġu interpretati mill-Polonja bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	CM 1431/1/22 REV1

Proċedura bil-miktub konkluża fis-27 ta' Jannar 2022	CM 1345/22
<i>Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165-186	15090/21
Dikjarazzjoni ta' Spanja dwar l-implimentazzjoni tal-pjan pluriennali tal-UE għall-istokkijiet demersali fil-Mediterran tal-Punent	5546/22
Spanja hija impenjata bis-sħiħ għall-irkupru tar-riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran, kif muri mill-appoġġ qawwi tagħha u l-applikazzjoni stretta tal-pjan pluriennali għall-Mediterran tal-Punent. Barra minn hekk, Spanja hija impenjata li tikkonċilja kemm jista' jkun objettiv essenzjali ieħor, dak soċjoekonomiku, li jimmaterjalizza f'industrija tas-sajd kompetittiva li, minbarra l-impjegi, tipprovdi benefiċċji innumerabbli bħala waħda mill-bażijiet tad-dieta Mediterranja, il-ħut, u l-appoġġ tal-komunitajiet tas-sajd tagħna li huma parti mill-wirt kulturali tagħna. Biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, ġew proposti miżuri alternattivi għat-tnaqqis addizzjonali fl-isforz abbażi tal-ġheluq u s-selettività, li kienu jinvolvu ħidma eżawrjenti mill-komunità xjentifika tagħna u kunsens importanti mal-industrija li għaliha huma indirizzati. Spanja pproponiet l-adozzjoni ta' miżuri biex tittejjeb is-selettività abbażi tar-rapporti tal-STEFCF, li jindikaw li hija aktar utli mit-tnaqqis fl-isforz tas-sajd innifsu, għall-ġestjoni soċjoekonomikament u bijoloġikament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd. Madankollu, il-kompromess adottat fil-Kunsill ma stabbilixxiex inċentiv suffiċjenti għas-sajjieda biex jimplimentawh. Spanja titlob, fid-dawl tal-aħħar informazzjoni xjentifika kollha li tista' tkun disponibbli, li ssir evalwazzjoni sħiħa ta' nofs it-terminu tal-applikazzjoni tal-pjan pluriennali, minħabba r-rilevanza u l-effetti enormi li attwalment għandu, u li qed ikollu għall-futur, fuq il-komunitajiet tas-sajd tagħna.	